MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2006

Numru 1070/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Farrugia**
**V**

**MUSTAFA GOHAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MUSTAFA GOHAR** ta' disgha w ghoxrin sena bin Ibrahim u Gohora nee Haral, imwieled l-Kajr, l-Egittu, nhar s-sittax ta' Mejju 1975 u residenti 'Tudor', Flat 3, Triq il-Bahhara, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 16303A gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fit-tmintax ta' Novembru 2004 u fix-xhur ta' qabel gewwa l-Villagg Industrijali ta' San Gwann u f'dawn il-Gzejjer, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regalmenti, kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mohammed Omar Ali Grad;

2. talli naqas milli jassikura s-sahha w is-sigurta tal-persuni kolha li jistghu jigu effettwati bix-xoghol li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu passi necessarji sabiex jigu evitati danni fizici, korriment jew imwiet fuq il-post tax-xoghol, kif wkoll naqas li jiehu mizuri necessarji sabiex r-riskju jigu ridott kemm huwa regonevolment prattiku;

3. talli mpjega jew ta xoghol lil persuna li ma kienx persuna ezenti u li ma kellhiex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol;

4. talli bhala persuna responsabbli li kien qed isir xoghol gewwa San Gwann w inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, impjiega persuni li ma kienux cittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu w ufficjali;

5. talli bhala l-principal jew il-persuna li timpjega persuni ohra, full time, part time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit, jew bi prova, naqas li jinnotifika lil Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti esibiti inkluz l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmienja ta' Gunju 2006 [fol 142] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-hamsa ta' Lulju 2006, li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif jirrizulta a fol 147 tal-atti.

Rat il-process verbal relativ redatt mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman nhar t-tlettax ta' Jannar 2005 [fol 46 et seq] w id-dikjarazzjoni tal-Qorti li kienet qed tikkonferma l-esperti kollha nominati fl-imsemmija inkjesta u tghamilhom taghha tul dawn il-proceduri [fol 43].

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hdax ta’ Ottubru 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbatax ta’ Dicembru 2004 **xehed Mohammed Omar** [fol 6] fejn qal li lil imputat presenti fl-awla ma kienx jafu u li qatt m’iltaqa mieghu. Qal li qatt ma hadem mieghu u ma jafx li kien involut f’x’incident fuq xi xoghol. Mistoqsi ghaliex hu kien l-isptar ix-xhud qal li ma kienx jaf r-raguni ghalkemm kien jaf li kien l-isptar. Qal li s-sengha tieghu hija ta’ fotografu. Mistoqsi kemm ilu Malta x-xhud wiegeb li ma kienx jaf.

Aktar tard dakinhar stess l-istess Mohammed Omar rega’ xehed [fol 10] fejn qal li hu m’ghamel ebda zmien jahdem hawn Malta bhala bajjad pero waqt li kien hawn, ghamel xi xoghol ta’ kahhal f’hafna postijiet bhal San Gwann u San Giljan. Qal li l-ewwel ma hadem kien ma persuna li ma ftakarx ismu, u t-tieni darba li hadem, li kien biss ghal jumejn f’San Gwann, kien mal-imputat presenti fl-awla. Qal li hu thallas hmistax il-lira kuljum minghandu. Qal li fil-fatt hu kien haseb li kien qed jahdem fl- skola tal-imputat. Ix-xhud ma kienx jaf jekk l-bini fejn hadem kienx kbir jew le u fuq il-lant tax-xoghol kien hemm hu biss mal-imputat jahdmu. Qal li waqt li kien qed jahdem ma kienx liebes kappell ghalkemm kien liebes zraben tas-*safety*. Qal li hu ma kienx qed jahdem hawn Malta skond l-ligi. Qal li fl-ewwel jum li beda jahdem mal-imputat, l-imputat kien staqsih jekk kellux ktieb tax-xoghol u hu kien irrisponda li kellu. Qal li fit-tieni jum li hadem kien waqa. Cahad dak suggerit mid-difiza li l-imputat kien tah kappell, ghaliex fil-fatt fl-ebda hin ma tah wiehed u ma ftakarx li kien tah. Qal li l-imputat kein tah habel biex jintrabat waqt x-xoghol u fil-fatt meta waqa minn fuq l-i*scaffolding*, kien marbut bil-habel u kien hu stess li rama’ l-i*scaffolding* li minn fuqu waqa.

Illi nhar l-erbatax ta’ Dicembru 2004 **xehed Doctor Timothy Macei** [fol 8] fejn qal li hu ilu jahdem fin-*neurosurgical unit* ghal tlett xhur bhala *houseman* ma Mr. Zrinzo. Mistoqsi mill-Qorti jekk jafx lil Mohammed Omar,

ix-xhud wiegeb li jafu peress li kien pazjent fil-ward fejn kien jahdem hu. Qal li l-pazjent kellu "*subdural heamatoma on the right side of perital tempor zone*'. Qal li l-pazjent kien fil-perikolu li jitlef hajtu w ghalhekk kellu f'idejh kwistjoni ta' hajja jew mewt. Zied jghid li l-pazjent '*was intubated*' w irreferut fit-taqsima tal-kura intensiva w ghamel hemm xi xahar u nofs. Mistoqsi mill-Qorti jekk per konsegwenza tal-waqa li l-pazjent kellu, setghax kien qed ibati minn *amnesia*, ix-xhud wiegeb li ghal ewwel setgha jkun hemm possibilita li l-pazjent jibda jinsa x'gara dakinhar tal-incident pero jekk il-pazjent jigi mistoqsi mistoqsijiet dwar l-antecedenti ghall-incident, ma jkunx hemm problemi biex jiftakar. Qal li l-pazjent, kemm dam fit-taqsima tal-kura intensiva, ma kienx konxju kompletament w ghalhekk ma kellux memorja ta' dak il-perjodu partikolari li fih ikun gara l-incident.

Illi nhar l-hamsa ta' Jannar 2005 **xehed PS 1122 Arthur Rizzo** [fol 15] fejn qal li fit-tmintax ta' Novembru 2004, ghal habta ta' nofsinhar waqt li kien stazzjonat l-ghassa B'Kara, ircieva rapport li kien hemm persuna li waqghet minn fuq *scaffolding* fl-Industrial Estate, San Gwann. Qal li hu acceda fuq il-sit in kwistjoni u tkellem mas-*sub contractor* Mostafa Gohar, l-imputat odjern w ghamel r-rapport relattiv. Qal li qallu wkoll li hu kien qed jahdem fuq *scaffolding* u Mohammed Omar Ali Gan li spicca mwegga', kien qed jahdem fuq *scaffolding* iehor separat. Qallu wkoll li lil Mohammed Omar Ali Gan kien jafu bhala Mohammed, li kellu circa hamsa w ghoxrin sena u jghix Bugibba. Qallu wkoll li dan kien ghadu kemm beda impjieg mieghu. Qal li skond ma qallu Mohammed Omar Ali Gan hu kien qed jahdem hemmhekk, meta xxabbat biex ilahhaq parti mis-saqaf, gheleb ipprova jzomm il-bilanc mal-istess *scaffolding* u waqa b'kollox. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala document PS [fol 17].

Illi nhar l-hamsa ta' Jannar 2005 **xehed Doctor Mario Scerri [**fol 19] fejn ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala document MS [fol 21 et seq].

Illi nhar l-hamsa ta’ Jannar 2005 **xehed Charles Micallef** [fol 34] fejn qal li nhar t-tmintax ta’ Novembru 2004, ghal habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar dahlet telefonata fl-ufficju taghhom u dan fl-Awtorita tas-Sahha u Sigurta li kien sehh incident fil-qasam industrijali ta’ San Gwann fil-fabbrika tal-Golden Harvest u hu acceda fuq il-post flimkien ma David Saliba. Qal li hemm sabu *scaffolding* li kien effettivament waqa u gibdu xi ritratti tieghu. Qal li hadu wkoll xi stqarrijiet tal-imputat. Spjega li l-i*scaffolding* in kwistjoni ma kienx *up to standard* u, cioe skond r-regolamenti u dan ghaliex kellu nuqqas ta’ *flooring* u *guard rack*. Qal li dan kien fuq roti u peress li kien wiehed gholi, ma kienx stabbli hafna w ghalhekk hargu *stop order* sabiex ix-xoghol in kwistjoni jieqaf immedjatament. Qal li suppost qabel ma beda dak ix-xoghol, isir *risk assessment* skond l-Att 27/2000 mil-imghallem. Ix-xhud esbixxa numru ta’ fotokopji ta’ ritratti ffirmati minnu stess li gew immarkati bhala dokumenti S 1, S 2 u S 3. Zied jghid li billi ma kienx hemm *flooring metal*, l-i*scaffolding* jisswivilja u l-fallakki fejn joqghodu l-injam, jaqghu. Qal li skond r-regolamenti tal-*building industry*, hemm *standard* ta’ kif ghandu jsir l-i*scaffolding* in kwistjoni. Qal li l-awtorita qatt ma giet notifikata bix-xoghol li kien ser isir hemmhekk.

In kontr’ezami ix-xhud qal li mill-verifiki li hu ghamel, rrizultalu li l-imghallem u cioe l-imputat odjern, huwa ta’ nazzjonalita Egizzjana. Qal li skond d-definizzjoni moghtija fl-Att 27/2000, imghallem tfisser dik il-persuna li thaddem in-nies u taghtihom l-flus. Stqarr li hu ma ta ebda twissija lil imputat qabel kellmu pero zied jghid li fil-fatt huma qatt ma jaghtu tali twissija fix-xoghol taghhom. Spjega li l-imputat lilu qatt ma qallu li kien rama’ l-i*scaffolding* hu effettivament.

Illi nhar l-hamsa ta’ Jannar 2005 **xehed David Saliba** [fol 40] fejn qal li kien qed jixhed ghan-nom w in rappresentanza tal-Awtorita tax-Xoghol u li hu jahdem bhala *head, technical operations* mal-istess Awtorita. Ikkonferma li l-imsemmija Awtorita qatt m’irceviet *assessment* jew notifikazzjoni li f’dan il-post f’San Gwann, kien ser isir xi xoghol. Qal li hu ghamel l-verifiki tieghu sa

tletin jum qabel ma effettivament beda x-xoghol w irrizultalu li ma kien hemm ebda *assessment*. Qal li huma jitolbu li jigu notifikati meta xoghol ikun ser jiehu numru ta' granet u kemm ser ikun hemm nies ser jahdmu fuq il-post.

Qal li f'dan il-kaz peress li l-progett kien wiehed kbir, taht din il-ligi, huma kellhom jigu notifikati. Dwar r-*risk assessment*, hu l-obbligu ta' kull mghallem li jaghmel *assessment* qabel ma jaghmel kwalsiasi xoghol. Ix-xhud zied jghid li ma setghax jwiegeb dwar kemm r-*risk assessmenst* effettivament hargu mill-Awtorita pero zgur li kien hemm madwar mija.

Qal li n-notifika harget fl-ewwel ta' Mejju 2004 u minn dakinhar kien hargu bosta notifiki, pero mhux izjed minn mitejn. Qal li minkejja l-kampanja estensiva li ghamlu, hemm nuqqas ta' *knowledge* dwar dan u fil-fatt hemm diversi siti li mhux koperti b'dan. Zied jghid li setgha jaghti l-kaz li x-xoghol in kwistjoni beda qabel l-ewwel ta' Mejju w ghalhekk ma jkunx hemm bzonn *assessment*. Qal li s-sit in dezamina kien wiehed kbir pero kemm kien hemm nies jahdmu fuq l-istess sit, hu ma kienx jaf. Qal li kien zgur li x-xoghol li kien qed isir ma kienx ser jiehu inqas minn tletin jum ghaliex huwa bini estensiv. Qal li l-awtorita riedet tara li fil-progett ma kienux qed jahdmu aktar minn zewg minn nies dakinhar tal-incident. Qal li r-*risk assessment* isir mill-imghallem u dejjem, irrispettivament kemm hu kbir jew le x-xoghol.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2005 **xehed AIC Valerio Schembri** [fol 55] fejn ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu rigwardanti l-kaz in kwistjoni li giet mmarkata bhala document VS [fol 57], wara li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwerenti Dottor Miriam Hayman bhala perit tekniku. <u>Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-i*scaffolding* mertu ta' din l-kawza kien maghmul minn materjal adegwat ghal uzu in kwistjoni pero ma kienx iddisinjat, kostruwit u mantenut tali li ma jaqax jew jiccaqlaq</u>. L-istess *scaffolding* ma kienx mghammar bi protezzjni biex jipprevjeni li l-persuni li jkunu qed jahdmu fuqu, ma jaqghux jew li xi oggetti jaqghu fuq persuna li tkun tahtu. Fir-rigward ta' *scaffolding sets* ohra kkonstata

fuq il-post u l-mod kif kien qed isir x-xoghol, l-espert tekniku kkonkluda li diversi mizuri ta' sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol ma kienux gew osservati.

Illi nhar l-hdax ta' Mejju 2005 **xehed l-Ispettur Kevin Farrugia** [fol 93] fejn ikkonferma l-kontenut tar-rapport fl-atti tal-inkjesta a fol 51.

Illi nhar l-hdax ta' Mejju 2005 **xehed PS 612 Theo Vella** [fol 95] w ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu, wara li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwerenti Dottor Miriam Hayman fl-istadju tal-inkjesta, liema relazzjoni giet mmarkata bhala document SOCO [fol 97 et seq].

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2006 **xehed Philip Bonnici** [fol 144] fejn qal li hu jahdem bhala *executive officer* mal-ETC u esibixxa d-dokument Z a fol 146 tal-atti minn fejn jirrizulta li l-korporazzjoni fuq imsemmija kienet irceviet applikazzjoni nhar l-hdax ta' Awissu 2005 mis-socjeta Mosgo Construction Company Limited sabiex thaddem lil Mustafa Gohar. Qal li fit-tnax ta' Awissu din giet riferuta lil Immigration Office tal-pulizija u ma kellhom ebda risposta dwarha minn dakinhar 'l hawn.

Illi nhar l-hamsa ta' Lulju 2006 **xehed Paul Aquilina** [fol 148] fejn qal li hu jahdem fl-enforcement section tal-ETC. Qal li minn ricerka li hu ghamel dwar Mohammed Omar Ali Gan li ghandu passaport numru 240003, irrizulta li dan m'ghandu ebda permess sabiex jahdem hawn Malta. <u>Qal li applikazzjoni minghand Mustafa Gohar detentur tal-karta tal-identita numru 16303A sabiex ihaddem lil Mohammed Omar Ali Gan qatt ma kien hemm</u>.

Illi nhar l-erbgha ta' Settembru 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 151] fejn qal li lil Mohammed Omar Ali Gan sar jafu jumejn qabel l-incident, meta ltaqa mieghu Bugibba u staqsih jekk jghamilx xi xoghol u talbu jaghmillu xi xoghol. Qal li fil-fatt dan kien mar jaghmel xi xoghol mieghu ghal xi jumejn. Qal li hu kien staqsih jekk kellux permess u dan kien wiegbu li kellu. Ix-xhud zied jghid li hu kien qallu biex igiblu tali permess, pero qatt ma gabulu. Spjega li hu kien talbu

jizboh x'imkien fl-gholi w ghalhekk tah il-pjanci biex jarma l-i*scaffolding*, habel sabiex jintrabat kif wkoll *helmet* biex jilbsu. Qal li hu ma kienx presenti meta Mohammed Omar Ali Gan rama' l-i*scaffolding* in kwistjoni, u fil-fatt hu kien qed jaghmel xoghol post iehor minn fejn kien hu. Qal li meta waqa hu rah jixxabbat biex jizboh u semghu jghajjat meta waqa. Spjega li rah wkoll jzomm mal-i*scaffolding* meta kien ser jaqa u waqa b'kollox. Qal li meta rama', hu kien qallu biex jarma sew u jintrabat.

Ix-xhud ikkonferma x-xhieda li kien ta quddiem l-perit nominat mill-Qorti fl-inkjesta. Zied jghid li l-persuna li kienet qed tahdem mieghu hu ma kienx jaf kunjomha u kien jaf biss li kien jismu Mohammed, li fil-fatt wegga' fl-incident in dezamina. Mistoqsi x'tip ta' habel ipprovda ix-xhud wiegeb li kien wiehed normali, qisu tal-plastik. Qal li l-i*scaffolding* kien gabu certu Mark Camilleri, li s-soltu igiblu x-xoghol, l-materjal u l-armar. Zied jghid li l-armar ma kienx tieghu, hu ma kellux certifikati dwar. Qal li meta hu mar fuq il-post, ra l-i*scaffolding* armat pero hu ma ccekkjahx.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat li b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mohammed Omar Ali Gan.

Ghal kostituzzjoni ta' dan r-reat involuntarju:

"*Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involuntarju skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta voluntarja negligenti - konsistenti <u>generikament</u> f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), traskuragni (negligenza), jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti <u>specifikatament</u> f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti - li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita, minn event dannuz involuntarju. Ghandu jigi premess li ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta effittivament adoperata ma dik ta' persuna li s-sapienza rumana identifikat mal-bonus*

*paterfamilias, dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kiterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghal gudikant, jhallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. [Kollez. Deciz Vol. XLV iv 870, 903, emfasi ta' din il-Qorti].*

*"Kif spjiega l-gurista taljan* ***Francesco Antolisei****, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrjan jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo, jkompli dan l-awtur, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi… Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimoprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche nel reato doloso il giudice improvera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi" [Antolisei, F., Manuale Di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322-323]*

*"Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem 'nuqqas ta' hsieb', 'traskuragni', u 'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni', filwaqt li dawk r-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem 'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti'. Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi wkoll ghal dawk r-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez. r-regolamenti imfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik l-fabbrika). In fatti kemm fil-**Codice Zanardelli** kif wkoll fil-**Codice Rocco**, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline." Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke f'kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, trasskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament impurdenti jew negligenti mhux biss minn jittraskura li jiehu dawk l-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarju tal-hajja, izda wkoll minn jittraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita."*

U dik l-Qorti f'dik il-kawza kompliet hekk:

"*Kif jispjiega l-gurista **Francesco Carfora** (Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775) jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika cert non-kuranza,*

*certu abbandun, kemm intellettiv kif wkoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero l-hsara tkun* prevedibbli *ghalkemm* mhux prevista*; kieku kienet wkoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva ndiretta."*

Infatti d-definizzjoni klassika tal-Colpa Criminale, tibqa dik moghtija mill-**Carrara** (Vol pt. Generale) b'dan il-kliem:

"*La volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibli e prevedibbli del proprio fatto"* (para 8 pg. 114).

Dan l-awtur jkompli jghid li tkun xi tkun d-definizzjoni tal-colpa fil-kriminal:

"*oppure… il tripode sul quale si asside la colpa sara sempre questo;*
*a. la volontarieta dell'atto;*
*b. mancata previsione dell'effetto nocivo;*
*c. possibilita di prevedere.*

Id-definizzjoni tal-**Crivellari** fil-***Codice Penale - Vol III*** hi bazata fuq l-istess postulati u hi din :

"*la colpa e la voluntarieta mancanza di previsione delle conseguenze prevedibili del proprio atto.*" (pagna 228, para. 32.)

Meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigu ppruvat in-*nexus* li ghandu jezisti bejn l-att w r-risultat sabiex l-att jista jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta *chain of causation* bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista jirrizulta culpa. Kif gie ***deciz nhar s-sbatax ta' Mejju, 1948*** fis-sentenza **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri per *Imhallef Harding*** li

"*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist.*"

Fil-fatt jkompli jghid :

"*The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to* *negligence, imprudence, carelessness* *and* *unskillfulness**, in an art or profession but it is equally requisite in case of* *non-observance of the regulations.*"

Fil-fatt **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commentario al Codice Penale Italiano (Vol III, 1622, pg. 286)*** jghid:

"*E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita.*"

Skond l-awtur **Giorgi**, fil-ktieb tieghu ***Teoria delle Obligazione*** [para 1127 p. 46 ] din giet definita bhala:

*"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice liberta' di valutazione [vide Il-Pulizija v J. Attard deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 1983]*

F'materja ta' responsabbilita penali minhabba negligenza f'kaz fejn ikorri mpjegat jinhtieg li qabel xejn jigi stabbilit jekk bejn il-principal u l-impjegat korrut kienx hemm mill-parti tal-impjegat wiehed xi obbligazzjoni *to take care* versus it-tieni wiehed.

Il-kuntrattur fuq l-lant tax-xoghol ghandu dan l-obbligu billi hu obbligat li jipprovdi makkinarju tajjeb u jzommu f'kundizzjoni tajba, li jipprovdi armar tajjeb u sod, sabiex l-impjegati tieghu ma jkunux soggetti ghal riskju bla bzonn. Fil-fatt anke jekk l-kuntrattur jkollu impjegat mieghu persuna biex tissorvelja xi xoghol, anke din il-persuna jkollha l-obbligu ghax ghandha tassikura safe working condition ghal haddiehor. La darba n-negligenza tkun *gross and culpable*, hija taghti lok mhux biss ghar-responsabbilita civili imma anke kriminali.

L-ezercizzju li l-ligi taghna timponi huwa biss l-ezami tal-operat tal-imputat li jkun biex jigi stabbilit kienx hemm da parti tieghu, xi att ta’ kommissjoni jekk dan in-nuqqas kienx kawza anke jekk mhux l-unika wahda tal-event dannus. Ma hemmx dubbju kif gie rilevat fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Busuttil et *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Novembru 1992*** li l-persuna responsabbli mit-tmexxija tax-xoghol fuq il-post tax-xoghol hi tenuta tiehu l-prekawzjonijiet necessarji fic-cirkostanzi u dettata mir-raguni biex tigi evitata disgrazzja.

L-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali jirreferi ghal regoli ta’ kondotta derivanti mill-esperjenzi komuni jew teknici bil-kliem ‘nuqqas ta’ hsieb’ ‘traskuragni’ u ‘nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni’ filwaqt li dawk ir-regoli ta’ kondotta straordinarjament stabbiliti huma ndikati bil-kliem ‘nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti’. Hu appena necessarju jinghad li b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja [li tigi fis-sehh permezz ta’ avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet, ecc] izda kull forma ta’ kondotta straordinarjament stabbilita w ghalhekk qed tireferi wkoll ghal dawk r-regolamenti promulgati minn enti privati.

Dwar t-tifsira tal-kliem uzat fil-ligi, fl-artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-wiehed u tletin ta’ Lulju 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Saverina sive Rini Borg et.** fejn gie spjegat li hemm diversi forom ta’ kondotta kolpuza derivanti minn atti ta’ negligenza, imprudenza, imperizja u non osservanza ta’ ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

Gie rilevat f’dik is-sentenza li l-<u>**imprudenza**</u> tigi mill-agir ta’ xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-<u>**negligenza**</u> tigi mid-disattenzjoni u diskorrettezza ta’ l-agent fil-kondotta tieghu waqt li l-<u>**imperizja**</u> hija l-forma specifika tal-kolpa professjonali cioe kif jghid il-**Manzini:**

*‘Inettitudine e insufficenza professionale generale e’ specifica, nota all’agente di cui egli vuole non tener conto.’*

S'intendi, isegwi ghalhekk li l-kulpa tista tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-asssem ta' regoli predisposti mill-Awtorita pubblika dwar il-modalita ta' kif ghandu jsir xoghol f'sit taht kostruzzjoni u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita ta' hsara u dannu lil terzi, cioe dak li jkollu l-element ta' prevenzjoni bhalma hi l-Att dwar l-Awtorita tas-Sahha u s-Sigurta fuq il-post tax-Xoghol [Att XXVII tas-sena 2000] Kap 424.

Illi f'dan il-kaz, ma hemmx dubbju li l-imputat kien l-imghallem tal-vittma Mohammed Omar Ali Gan u dan jirrizulta mix-xhieda li ta l-imputat stess. Veru li kien ilu jahdem mieghu biss ghal jumejn pero xorta dawk l-jiem jitqiesu bhala impjieg ai termini tal-Att XXVII tas-sena 2000 w ghalhekk xorta l-imputat jibqa responsabbli ghal haddiema tieghu.

Illi ma hemmx dubbju li fl-armar tal-i*scaffolding* kien hemm hafna nuqqasijiet kif elenkati mill-perit tekniku li mar fuq il-post tal-incident waqt il-gbir tal-provi tal-inkjesta. Dawn jinstabu kollha ddentifikati a fol 68 u 69 tal-atti processwali peress li fil-fehma tieghu, l-incident sehh principalment ghaliex ghalkemm l-i*scaffolding* sett involut kien maghmul minn materjal adegwat, ghal uzu in kwistjoni, ma kienx iddisinjat, kostitwit u mantenut tali li ma jaqax jew jiccaqlaq. In oltre, ma kienx mghammar bi protezzjoni biex jipprevjeni li persuni li jkunu fuqu, ma jaqghux jew xi oggett jaqa fuq il-persuna li tkun tahtu.

Ma hemmx dubbju li diversi mizuri ta' sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol ma kienux qed jigu osservati kif imsemmi fil-konsiderazzjonijiet elenkati mill-istess perit.

Illi ghalhekk l-imputat ghandu jinzamm responsabbli ghal feriti gravi kif deskritti minn Doctor Mario Scerri, li sofra Mohammed Omar Ali Gan nhar t-tmintax ta' Novembru 2004 waqt li kienqed jahdem fil-Villagg Industrijali ta' San Gwann.

Din il-Qorti b'certezza temmen wkoll li t-tieni akkuza tirrizulta wkoll ippruvata b'mod sodisfacenti u dan ghaliex l-imputat ma hax l-mizuri necessarji kollha sabiex r-riskju ta' haddiehor jigi ridott kemm hu ragonevolment prattiku u kif stqarr r-rappresentant tal-Awtorita tas-Sahha David Saliba fix-xhieda tieghu, kif rappurtat aktar 'l fuq.

Illi mix-xhieda ta' Paul Aquilina, rappresentant tal-ETC jirrizulta bic-car, li qatt ma kien hemm applikazzjoni mill-imputat sabiex ihaddem lil vittma Mohammed Omar Ali Gan w ghalhekk zgur wisq inqas jista jirrizulta li l-istess Mohammed Omar Ali Gan kellu permezz sabiex jahdem hawn Malta u konsegwentement jigi konsidrat bhala persuna ezenti ai termini tal-Kap 217. Illi a bazi ta' din l-istess xhieda ta' Paul Aquilina r-raba u l-hames akkuzi jirrizultaw ippruvati wkoll.

Il-Qorti nnutat li fl-att ma hemmx l-fedina penali tal-imputat esibita w ghalhekk dan ghandu jitqies bhala *a first time offender*.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 226(1)(a), l-artikolu 6(1)(2) u 38(1)(3) Kap 424, l-artikolu 32(1)(b) tal-Kap 217, l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali numru 110 tas-sena 1993, tiddikjara li qed issib lil imputat MUSTAFA GOHAR hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf [1000] lira maltin.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Maltau, il-Qorti qed tikkundanna lil imputat <u>jhallas tali spejjes fl-ammont globali ta' mitejn wiehed w erbghin lira u hamsa w tletin centezmi [LM241.35]</u>, rapprezentanti tmintax il-lira u hamsin centezmu ghar-ritratti meduha mill-membru tas-Scene of the Crime [fol 100], mija sitta w hamsin lira u hamsa w tletin centezmu ghar-relazzjoni redatta minn AIC Valerio Schembri [fol 71] u sitta w sittin lira u hamsin centezmu ghar-relazzjoni redatta minn Doctor Mario**

**Scerri [fol 33] u dan fi zmien xahrejn mill-lum u fin-nuqqas jigu awtomatikament konvertiti fi prigunerija.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------